# Anniversarji

Dawn il-ġrajjiet, li l-anniversarju tagħhom jaħbat matul din is-sena, huma biss għażla minn fost ħafna oħrajn li seħħew fl-imgħoddi, u li flimkien jinsġu l-istorja interessanti u kulurita ta' din il-Belt u l-parroċċa Sengleana.

***Din is-sena jaħbat ...***

- **375 sena mill-mewt ta' Patri Ġwann Mattew Rispoli O.P. (1639)**

Sa mill-bidunett tal-istorja tagħha, kemm bħala belt fl-1554 kif ukoll bħala parroċċa fl-1581, l-Isla tat lill-pajjiżna ċittadini li għamlulha ġieħ f'kull stat tal-ħajja: reliġjużi, professjonisti, kittieba, nies fl-arti u nies f'oqsma oħra.

Wieħed minn ulied l-Isla li għamlilha ġieħ fis-snin bikrin tal-eżistenza tagħha, kien Patri Ġwann Mattew Rispoli O.P.. Dan is-saċerdot għaref, kien ta' ġieħ kbir għall-Ordni tal-Predikaturi li tiegħu kien membru, kif ukoll għall-pajjiżna kollu kemm hu. Patri Rispoli, twieled fl-Isla fl-1582, sewwa sew ftit xhur biss wara li l-Isla saret parroċċa, u għall-Ordni tad-Dumnikani ħadem qatigħ kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Għall-għerf tiegħu hu kien imfittex fl-aqwa universitajiet, u saħansitra għal xi żmien kien reġġent ta' kulleġġi Dumnikani f'Palermo u Ruma. Kien ukoll konsultur tas-Sant' Uffizzju, u stmat u miġjub kemm mill-Viċi Re ta' Sqallija kif ukoll mill-Gran Mastru u l-Ordni ta' San Ġwann. Huwa miet fis-6 ta' April 1639. Dan huwa personalità Sengleana li verament jistħoqqlu li jkun magħruf aktar, kif ukoll il-kitbiet tiegħu għandhom ikunu studjati b'mod aktar profond.



*Patri Ġwann Mattew Rispoli O.P.*

- **325 ilu: 3 Kappillani fl-istess sena (1689)**

Is-sena 1689 rat episodju kurjuż u uniku fl-istorja tal-parroċċa Sengleana. Fil-5 ta' Jannar ta' dik is-sena, miet il-Kappillan Dun Salv Fenech, illi wara li fl-1679 kien sar Kappillan tal-Isla u tneħħa sentejn wara, kien appella u ngħata raġun, u għalhekk kien reġa' beda jmexxi l-parroċċa fl-1688. Iżda ftit aktar minn sitt xhur wara huwa miet. Fil-konkors li sar għall-ħatra ta' Kappillan ġdid, l-aħjar li mar kien is-saċerdot Senglean Dun Mikiel Testaferrata li kien Kappillan ta' Ħaż-Żabbar. Ġara iżda li f'dik il-ħabta, l-Isqof ta' Malta Davide Cocco Palmieri ma kienx Malta, u meta ġie lura fid-Djoċesi ma qabilx li Testaferrata kien ingħata n-nomina ta' Kappillan u, għad li ma kienx għadu ngħata l-pussess, kien qed jaġixxi daqslikieku kien il-Kappillan. L-Isqof ħass li bħala Kappillan kellu jsir Dun Franġisk de Pena, li kien sar Kappillan flok Dun Salv Fenech u baqa' sa ma Fenech rebaħ l-appell. Cocco Palmieri dlonk ordna li de Pena jsir il-Kappillan tal-Isla. B'dan il-mod, is-sena 1689 rat tliet saċerdoti differenti jmexxu l-parroċċa tal-Isla.

- **300 sena mill-ewwel Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira (1714)**

Waħda mill-attivitajiet ta' importanza fil-kalendarju tal-parroċċa Sengleana, hija l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, bl-istatwi tal-Passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu. L-eqdem dokument li ġie fl-idejn li fih jidher ċar li fl-Isla kienet issir purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, iġib id-data tas-sena 1714. Iżda tajjeb jingħad, illi l-mod kif hu miktub dan id-dokument, ma jħalli ebda dubju illi din il-manifestazzjoni kienet ġa ilha ssir għal xi żmien qabel. Iżda iċ-ċertezza hija fuq is-sena 1714. F'dawk iż-żminijiet, il-purċissjoni kienet



Il-Vara l-Kbira waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fis-snin ta' wara l-gwerra



L-Isqof Paolo Alferan de Bussan

tiġi organizzata mill-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità, li iżda kienet waslet lejn it-tmiem tagħha. Fil-fatt, meta fis-sena ta' wara (1715) twaqqfet il-Fratellanza tal-Kurċifiss, din ħadet fuqha l-obbligi kollha li kellha l-Fratellanza tal-Karità. Din il-Fratellanza, għall-kważi 300 sena, ħadet ħsieb il-kura tal-vari tal-Passjoni, kif ukoll l-organizazzjoni ta' din il-purċissjoni.

- **275 mill-Viżta Pastorali mill-Isqof Paolo Alferan de Bussan (1739)**

Din il-Viżta Pastorali mill-Isqof Alferan de Bussan ġiet fi żmien meta l-Isla kienet qed titmexxa mill-Kappillan Dun Fortunat Vella, li kellu l-itwal parrokat fl-istorja ta' din il-parroċċa, parrokat li imma kien ukoll imqalleb ħafna u mimli inċidenti. Ir-relazzjoni ta' din il-Viżta tagħmel l-osservazzjonijiet pożittivi fuq il-ħajja tal-parroċċa, kif dejjem kellhom ir-relazzjonijiet ta' Viżti Pastorali preċedenti. Iżda, dwar il-knisja bħala binja, din ir-relazzjoni għandha importanza speċjali, għaliex tagħti l-ewwel deskrizzjoni kompluta tal-kor tal-knisja li kien għadu kif inbena ftit snin qabel. Jingħad illi dan il-kor hu ta' qies kbir, u jispiċċa bi tribuna (abside) ovali. F'din l-abside hemm il-pittura titular li turi t-Twelid tal-Verġni Marija, u hemm ukoll artal. F'nofs il-kor hemm leġiju kbir b'ħafna kotba ta' kant liturġiku. Ma jissemmewx sedji madwar il-kor għaliex dawn saru żmien qasir wara. Fi kliem ir-relazzjoni ta' din il-Viżta Pastorali, il-kor kien wieħed mill-akbar u mill-isbaħ fid-Djoċesi kollha.

- **150 sena tal-Ventartal tal-fidda għall-artal maġġur (1864)**

Is-sena 1864 rat il-bidu ta' seniela ta' xogħlijiet artistiċi tal-fidda li sal-lum għadhom iżejnu l-Bażilika fil-jiem tal-Festa. Fil-fatt, f'dik is-sena, sar l-ewwel ventartal tal-fidda minn sett ta' tnax li jżejjnu l-knisja tal-Isla. Dan il-ventartal sar fuq disinn tal-artist Senglean Vincenzo Bonnici, u nħadem mill-awqa arġentiera ta' dik l-epoka, l-aħwa Busuttil. Dan il-ventartal kompla żejjen bil-bosta l-artal maġġur tal-Kolleġġjata li kien ġa mogħni b'rikkezzi oħra, fosthom sett ta' tlettax-il kandlier tal-injam għall-prima u s-sekonda, xogħol tal-iskultur Marjanu Gerada, u sett ta' tnax-il appostlu tal-injam ukoll. Fil-parti ċentrali tiegħu, dan il-ventartal għandu xbieha tal-Madonna Tarbija fil-fisqija, immuntat fuq kewkba u żewġ friegħi tal-ġilju u tal-palm, u fil-panewijiet tal-ġenb, par puttini 'l fuq minn stemmi tal-Kolleġġjata u tal-Belt Senglea. Meta fl-1921 l-artal il-maġġur l-antik tneħħa biex



Dettall tal-panew ċentrali tal-ventartal tal-fidda tal-artal maġġur

saret it-Tribuna Bażilikali, dan il-ventartal intrama għal sentejn quddiem l-artal tat-tribuna, imbagħad, meta sar l-artal il-ġdid tal-irħam fl-1924, ma tqegħidtx aktar. Kien ingħata lill-Fratellenza tal-Kurċifiss biex iżejjen l-artal prinċipali tal-Oratorju fejn għadu jintrama kull sena fil-festa titular ta' Marija Bambina. Minn xi snin 'l hawn, qed jerġa' jitqiegħed quddiem l-artal tat-tribuna fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied u l-jiem tal-Kwaranturi fl-aħħar tlitt ijiem ta' Diċembru.

- **150 sena mill-mewt tal-Pittur Tommaso Madiona (1864)**

Tommaso Madiona twieled l-Isla fis-7 ta' Mejju 1803 minn Mikilanġ Madiona u Madalena mwielda Gilibert. Sa minn ċkunitu dehret fih il-kapaċità tiegħu fid-disinn. Tpinġijiet tiegħu spiss impressjonaw lill-imgħallem tiegħu u attiraw l-attenzjoni personali tal-Gvernatur Sir Thomas Maitland, li rrakkomandah għal studju barra minn Malta. Wara li huwa ġie ppremjat b'midalja tad-deheb għax-xogħlijiet tiegħu mill-Università ta' Malta, huwa kompla bl-istudji tiegħu fl-*Accademia Delle Belle Arte* ta' Ruma. L-inċizzjonijiet tiegħu ma kinux jingħarfu mill-oriġinal u kopji tiegħu ta' pittura



Il-pittur Tommaso Madiona

għaġġbu lis-surmastrijiet tiegħu Minardi u Overbeck.

Meta rritorna Malta, Madiona kien qed jaħdem ta' pittur f'37 u 38 Triq San Ġiljan, l-Isla. Dik kienet id-dar tiegħu u miegħu kellu żewġ ħutu oħra. Kienu Dun Franġisk, li kien l-organista tal-parroċċa u Lorenzo. L-Arċipriet Fiteni, ta lil Madiona l-kummissjoni li jpitter xi kwadri għall-Kolleġġjata. Fost l-oħrajn, Tommaso ġie mogħti l-ġieħ li jpitter il-kwadru titulari tal-Kolleġġjata. Il-kwadru titulari sar fl-1850 u ġie mħalles mis-Sodalità tal-Kleru. Il-kwadru juri lil Sant' Anna b'Marija tarbija fi ħdanha, imdawra b'ħafna persuni u anġli bis-simboli tal-Madonna. Dan il-kwadru, illum, jinsab iżejjen is-saqaf tal-Awla Kapitulari. Ftit iżjed tard, fl-1853, Madiona pitter il-kwadru tat-Trinità Qaddisa. Il-kwadru tad-depożizzjoni ta' Kristu, kopja ta' Raffaello, li llum tinsab fit-taraġ tal-Awla Kapitulari, huwa wkoll xogħol tiegħu. Il-pittura ta' San Filippu Neri li tinsab fil-Katidral ta' Għawdex hija meqjusa bħala l-kapulavur tiegħu.

Madiona kien letterat u bil-pinzell kien jagħraf iħożż il-ħsus tal-psikoloġija, fiżjologija, anatonija, mitoloġija u storja. Madiona kien ukoll kitarrista konċertista u kompożitur. Huwa kien li vvinta l-kitarra bil-pedali u biha kien idoqq mużika għall-pjanu. Dan l-istrument oriġinali ntilef maż-żmien.

Sfortunatament, minħabba li l-vista ta' għajnejh kienet kull ma' tmur qed tonqos, il-karriera artistika ta' Tommaso Madiona waslet għal tmiem ħesrem meta kellu sittin sena. Huwa miet għażeb fis-6 ta' April 1864 u ġie midfun fil-Kolleġġjata.



Il-bieb tal-kappella u l-bieb ta' dak li kien il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani fl-Isla fi Triq San Ġużepp (illum Triq il-Kappillan Azzopardi)

- **125 sena mill-bidu tal-ħidma tas-Sorijiet Franġiskani fl-Isla (1889)**

Fl-1889, is-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, bdew il-ħidma tagħhom fl-Isla. Huma kienu akkwistaw dar li bidlu f'kunvent żgħir u fetħu wkoll skola għat-tfal żgħar. Is-sorijiet bdew jagħtu wkoll il-ħidma tagħhom b'risq il-parroċċa billi jgħallmu d-Duttrina lit-tfal, u jorganizzaw ħidmiet adattati biex jilħqu tfal adolexxenti bniet. Imbagħad il-ħidma tagħhom kotrot bil-kbir fis-sena 1893, meta huma aċċettaw li jagħtu s-servizz tagħhom fl-Ospizju Sant' Anna, residenza għall-anzjani nisa mwaqqfa fl-1814 - 200 sena ilu - minn Nikola Dingli u martu Maddalena Cornelio. Sa mill-bidu net tat-twaqqif ta' din id-dar, il-Fratellanza tal-Kurċifiss kienet tgħabbiet bir-responsabbiltà tat-tmexxija u l-finanzjament ta' din l-akbar opra soċjali fil-parroċċa tal-Isla. Għall-iffirmar tal-kuntratt bejn il-Fratellanza u l-Kongregazzjoni, dwar it-tmexxija tal-Ospizju fuq bażi ta' minn jum għall-jum, f'isem is-sorijiet Franġiskani kienet dehret il-Venerabbli Madre Margerita DeBrincat bħala Superjura Ġenerali. Is-sorijiet baqgħu jagħtu s-servizz tagħhom għal aktar minn tmenin sena. Iżda meta l-Ospizju twaqqa', inbena mill-ġdid u fetaħ bl-isem ta' Dar Sant'Anna, il-Kongregazzjoni ma kelliex numru biżżejjed ta' sorijiet li issa kien meħtieġ għat-tmexxija. B'hekk huma kienu kostretti illi jtemmu l-ħidma tagħhom f'din il-belt. Il-ħidma li huma wettqu fl-Isla, b'mod partikulari fit-tmexxija tal-Ospizju, m'għandha tintesa qatt.

- **75 sena minn festa bla solennità u minn tmiem il-parrokat tal-Arċipriet Bonanno (1939)**

F'Awwissu tas-sena 1939, il-preparamenti tas-soltu għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' dik is-sena, kienu mexjin sew, u kollox deher li ser isir bħas-soltu, għad illi fuq l-Ewropa kien hemm miġmugħ is-sħab iswed tal-gwerra. Imbagħad fl-1 ta' Settembru faqqet il-gwerra, u l-ħajja immedjatament ħadet xejra differenti. Għad illi f'Malta, l-effetti qerrieda tal-gwerra ma nħassux minnufih, immedjatament, l-awtoritajiet ħassru ħafna mill-preparament tal-festa li ġa kienu saru. Dan, b'mod partikulari, fejn tidħol il-festa fuq barra. Il-permess biex jinxtgħelu t-toroq bid-dawl ġie miżmum u l-permessi għall-ħruq tal-logħob tan-nar inżammu wkoll. Il-programmi tal-baned ġew ikkanċellati wkoll. Fl-istess ħin, il-programm tal-festi ta' ġewwa l-knisja sar, iżda b'anqas solennità mis-soltu. Ta' dan patta għalieh il-fatt li ċ-ċelebrazzjonijiet saru b'devozzjoni aktar mis-soltu. Il-purċissjoni bl-istatwa nkurunata ta' Marija Bambina saret, iżda bir-reċita tar-Ružarju tul it-triq kollha. Minħabba ċ-ċirkostanzi, l-purċissjoni ħarġet aktar kmieni mis-soltu, kif fil-fatt, kienet saret it-Translazzjoni fil-jum ta' qabel. Din kellha tkun il-preludju għal nuqqas ta' solennità u tħarbit tal-festa għall-erba' snin ta' wara.



L-Arċipriet Ġużeppi Bonanno

Aktar tard f'dik l-istess sena, l-Arċipriet Kan. Dun Ġużepp Bonanno, temm il-ħidma tiegħu fl-Isla wara parrokat ta' tnax-il sena. Huwa sar Monsinjur tal-Katidral. L-Arċipriet Bonanno, kien bniedem ħabrieki ħafna, speċjalment fejn jidħol it-tagħlim tad-Duttrina lit-tfal, u saċerdot maħbub ħafna mill-parruċċani. Huwa ħadem qatigħ fil-knisja parrokkjali fejn kien Kanonku sa mis-sena 1904, kif ukoll f'San Filippu fejn għamel żmien jaġixxi bħala Prepostu tal-Oratorjani. Kien sar Arċipriet fl-1927 u, minbarra li kien mitfuh b'ruħu u ġismu għall-ħidma pastorali, baqa' magħruf għall-opri artistiċi li saru fil-Bażilika fi żmienu. L-akbar opri ta' żmienu kienu l-pittura tal-koppla l-ġdida u s-saqaf tal-kor mill-Profs. Ġużeppi Briffa, opri kbar li diżgrazzjatament inqerdu ftit tas-snin wara meta ġġarrfet il-knisja fi żmien il-gwerra. Huwa kien ukoll benefattur kbir tal-parroċċa u fost l-oħrajn ħallas għal tabernaklu u kustodja tal-fidda fuq l-artal tal-Kappella tas-Sagrament. Huwa wkoll kien irregala propjetà fi Triq il-Vitorja lill-Azzjoni Kattolika biex issir is-Sede tal-Għaqda. Bonanno miet f'Jannar 1942.

- **50 sena minn meta tlestiet it-Tribuna (1964)**

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Marzu 1964, kien sar it-tberik tat-Tribuna Bażilikali ġdida, fuq l-artal maġġur tal-knisja. It-tberik sar mill-isqof Senglean Mons. Emm. Galea, li qabel bierek din l-opra, għamel kelmtejn tal-okkażjoni bi ħsibijiet spiritwali profondi. Wara qaddes fuq l-artal tat-tribuna u ngħatat il-Barka Sagramentali. Din it-tribuna nbniet fi tliet fażijiet: il-parti t'isfel u ċioè z-zukklaturi tal-kolonni u l-artal, kollox tal-irħam, tlestew fl-1957 għall-ftuħ mill-ġdid tal-knisja; il-kolonni tal-irħam aħmar bi skultura u kapitelli tal-bronż indurati fl-1959; u l-kuruna ta' fuq, maħduma mill-injam tal-qastan bil-gwarniċar u skulturi ndurati fl-1964. Id-disinn tat-tribuna sar mill-Kav. Vincenzo Bonello li adatta d-disinn li kien sar mill-Perit Andrea




Fost dawk li għenu fil-bini tat-tribuna kien hemm: (Isfel) Toni Pulis - Sagristan, Karmenu Mejlaq - li kien inkarigat mix-xogħol, Ġużi Saliba, Raymond Mallia u (Fuq) Victor Schiavone, Pawlu Galea, John Briffa u Ġużeppi Schiavone. Hawn jidhru flimkien mal-Kan. Arċipriet Gian Karl Burlò hekk kif tlestiet it-tribuna




Vassallo fl-1921, għat-tribuna li ġġarrfet fil-gwerra. Fl-erba' zukklaturi li jerfgħu l-kolonni hemn sittax-il figura ta' qaddisin li kkontribwew għad-devozzjoni lejn il-Madonna. Dawn huma l-erba' Evanġelisti (Mattew, Marku, Luqa u Ġwanni), erba' Santi Padri tal-Knisja (Ambroġ, Efrem, Ċirillu u Bennard), erba' Fundaturi ta' Ordnijiet jew Kongregazzjonijiet b'rabta mal-Madonna (Duminku, Xmun Stock, Ġwanni Bosco u Lwiġi Marija de Monfort) u erba' Papiet li ddefinixxew dommi dwar il-Madonna jew xi devozzjoni oħra Marjana (Liberju, Piju V, Beatu Piju IX u Piju XII). L-artal, f'forma ta' sarkofagu hu maħdum minn massa waħda ta' rħam abjad fin. Fil-parti ta' fuq tat-tribuna jispikkaw erba' anġli kbar immudellati mill-Profs. Vincenzo Apap, u erba' stemmi: tal-Papa Benedittu XV, tal-Isqof Dom Mauro Caruana, tal-Kolleġġjata u tal-Belt Senglea. Din it-tribuna imponenti hija ċertament l-akbar opra kolossali li żżejjen il-Bażilika Sengleana.